1 ta' Lulju, 1946

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija versus Giuseppa Arena

**Demenza — Appell — Xhieda — Art. 625 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati li jkun ċaħad it-talba ta' l-imputat biex jixhed fuq il-każ wara li dak l-imputat ġie sottomess għal perizja psikjatrika, u jkun ġie dikjarat minn dik il-perizja bħala li ma hux f'sensieh, huwa appellabili.*

*Però digriet simili ma hux ċensurabili; għaliex (a) il-liġi tgħid li jista' jixhed kull min hu f'sensieh, u fil-każ dak l-imputat huwa dikjarat li ma hux f'sensieh; (b) jekk dik ix-xhieda hija ntiża biex tixhet dawl fuq il-kwistjoni tad-demenza, ma hemmx bżonnha, mentri jekk hija ntiża in konnessjoni mal-meritu, il-kawża ma tkunx għadha waslet f'dak l-istadju, u lanqas tista' tasal meta l-perizjand ma jkunx kapaċi "to stand trial"; (c) meta jkun hemm diskussjoni ta' l-inċident tad-demenza, l-istadju li fih l-imputat jista' joffri x-xhieda tiegħu jkun għadu ma wasalx.*

Quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta l-imsemmija Giuseppa Arena ġiet imputata talli f'Haż-Żebbuġ, ripetutament, għamlet storbju u nsultat membri tal-Pulizija waqt li kienu jagħmlu dmirhom u lill-Protection Officer Vassallo, u nsultat u heddet diversi nies u assaltat lil Maria Carmela Pace;

Fil-15 ta' Novembru 1944 dik il-Qorti, peress li, partikolarment in vista tax-xhieda ta' Dr. Serafino Tanti, ħasset dubju serju li l-imputata ma kienetx persuna responsabili, u għalhekk mhix kapaċi tikkontesta l-ġudizzju, innominat perit psikjatra sabiex jeżamina l-istat mentali ta' l-imputata u jgħid jekk hijiex persuna responsabili jew le;

Fit-22 ta' Mejju 1946 il-perit psikjatra ppreżenta, flimkien max-xhidiet minnu mismugħa għall-finijiet tal-perizja, ir-relazzjoni tiegħu, li kkonferma bil-ġurament, u li fiha kkonkluda illi l-imputata hija affetta minn paranoja u għalhekk ma għandhiex tiġi kunsidrata responsabili quddiem il-liġi. F'dik is-seduta tat-22 ta' Mejju 1946, il-Qorti t'Isfel semgħet ix-xhieda biex jikkonfermaw bil-ġurament id-dikjarazzjonijiet li huma kienu għamlu quddiem il-perit;

Il-kawża ġiet differita għas-27 ta' Mejju 1946. Fis-seduta ta' din il-ġurnata (fol. 35) l-Avukat Dottor Flores għad-difiża talab li l-imputata tixhed fuq il-każ. Il-Qorti ta' Isfel, b'digriet tagħha ta' dak in-nhar, irrespinġiet id-domanda fuq il-motiv illi f'dak l-istadju tal-kawża l-kwistjoni kienet jekk l-imputata kienetx jew le responsabili ta' l-atti tagħha quddiem il-liġi, u jekk il-lum fil-ġudizzju l-imputata hijiex fi stat mentali normali u kwindi hix kapaċi li tikkontesta l-ġudizzju;

Il-kawża allura ġiet differita għad-29 ta' Mejju 1946, u f'dik id-data l-Qorti ta' Isfel tat deċiżjoni li biha ddikjarat l-imputata dementi u mhix responsabili quddiem il-liġi, u ordnat li hija tinżamm taħt kustodja rigoruża fl-Isptar tar-Mard tal-Moħħ, u li b'daqshekk jiġi mgħarraf l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur.

L-imputata appellat minn din id-deċiżjoni;

Għandu jingħad illi deċiżjoni simili hija appellabili, skond ma ġie awtorevolment ritenut mill-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "La Polizia vs. Luca Bezzina", 16 ta' April 1913;

Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti d-difensur ta' l-imputata talab illi jiġi preliminarment definit l-inċident tad-digriet fol. 35, mogħti fis-27 ta' Mejju 1946, fuq imsemmi, li bih ġiet respinta d-domanda tad-difensur ta' l-imputata biex din tixhed fuq il-każ;

Trattat dan l-inċident, din il-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat;

Id-digriet "de quo" ma hux ċensurabili, għal dawn ir-raġunijiet :—

1. Skond l-art. 625 Kodiċi Kriminali, Kap. 12, jista' jinġieb bħala xhud "kull min f'sensieh". Meta l-Maġistrat ċaħad it-talba tad-difiża, hu kellu diġà quddiemu r-relazzjoni ta' l-espert debitament ġuramentata fis-sens li l-imputata ma kienetx f'sensiha;

2. Il-kwistjoni li kellha quddiemha l-Qorti ta' Isfel, u li kien jeħtieġ li tiġi preventivament deċiża sabiex il-Qorti setgħet tara kienx il-każ li tgħaddi għat-trattazzjoni tal-meritu, kienet jekk l-imputata kienetx "fit to plead or to take her trial". Issa, jekk ix-xhieda tagħha kienet intiża sabiex tixhet dawl fuq il-kwistjoni tad-demenza, allura ma kienx hemm

bżonnha, għaliex, fost il-mezzi li bihom il-perit aljenista jeżegwixxi l-inkariku tiegħu, hemm (u forsi anki jipprimeġġja) l-interrogatorju tal-perizjand, li, kif jirriżulta mir-relazzjoni (fol. 29), sar mill-perit, bħas-soltu, fil-każ preżenti. Jekk ix-xhieda, imbagħad, kienet intiża in konnessjoni mal-meritu, allura l-kawża ma kienetx waslet f'dak l-istadju, u lanqas tista' tasal meta l-perizjand ma jkunx kapaċi "to stand trial":

3. Il-liġi stess turi illi, fil-konċett tagħha, meta jkun hemm id-diskussjoni ta' l-inċident tad-demenza, l-istadju li fih l-imputat jista' joffri x-xhieda tiegħu jkun għadu ma wasalx. Difatti, l-eċċezzjoni tad-demenza, almenu per regola, hi sollevabili, u l-inċident relativ jiġi diskuss, fl-istadju preliminari (art. 461 Kap. 12), mentri skond l-art 360, l-imputat jew l-akkużat, b'talba tiegħu, jista' jixhed wara li l-Prosekuzzjoni tagħlaq il-parti tagħha fil-meritu;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tikkonferma d-digriet mogħti mill-Maġistrat fis-27 ta' Mejju 1946 (fol. 35), u tħalli l-kawża għall-15 ta' Lulju 1946 sabiex titkompla t-trattazzjoni.